(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku jridu jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form* (GP 47); filwaqt li dawk li japplikaw minn barra jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern qabel u jagħtu d-dettalji).

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lil dawk il-kandidati li għandhom esperjenza vasta f'pożizzjonijiet maniġerjali u ta' dan iridu jippreżentaw evidenza li laħqu l-miri tagħhom b'suċċess f'pożizzjonijiet preċedenti.

6.1 Persuni rregistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lit-Taqsima riceventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi l-kopji tagħhom għandhom ikunu jew mehmużin mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem (10) ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

7.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalfiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

5.2 Due consideration will be given to applicants who have a good track record in management and produce evidence of having been achievement-oriented in previous positions.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Unit and copied to the NCPD.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons

għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jitqies min ikun adatt għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tat-Taqsima tar-Riżorsi Umani, *People Management and Support Services Directorate*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.10 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, il-Palazz, Valletta, u kkuppjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adattat għal din il-pożizzjoni.

10. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur (*People Management and Support Services)*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Taqsima tar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', il-Furjana sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Settembru 2009.

11. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mid-Direttur (*People Management and Support Services)*, Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Taqsima tar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', Floriana.

12. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-*fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, il-25 ta' Settembru 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur (*People Management and*

beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interview will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Human Resources Section, People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Secretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within 10 working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana by not later than noon (Central European Time) of Friday, 25th September 2009.

11. Application forms may be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana.

12. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 25th September 2009, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural

Support Services), Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Taqsima tar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', il-Furjana, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* huwa +356 22997878.

13. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn mingħand id-Direttur (*People Management and Support Services*) Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Taqsima tar-Riżorsi Umani, Blokk 'A', Floriana.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur (People Management and Support Services), Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali u jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Affairs, Human Resources Branch, Block 'A', Floriana, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Branch, is +356 22997878.

13. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director (People Management and Support Services), Ministry for Resources and Rural Affairs, within seven (7) days.

Programm ta' Żvilupp Rurali għall-Malta
2007-2013
Pożizzjonijiet ta' *Risk Analysis Coordinator*
fl-Aġenzija tal-Pagamenti finanzjata bi sħab mill-Unjoni Ewopea
Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali
(EAFRD)
Miżura ta' Assistenza Teknika
Rata ta' finanzjament bi sħab; 75% Fondi tal-Unjoni Ewropea; 25% Gvern ta' Malta

Rural Development Programme for Malta
2007-2013
Positions of Risk Analysis Coordinator
in the Paying Agency co-financed by the European Union
European Agricultural Fund for Rural Development
(EAFRD)
Technical Assistance Measure
Co-financing rate: 75% EU Funds; 25% Government of Malta

It-28 ta' Awwissu, 2009

28th August, 2009

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

Post ta' *Audit Manager*
Financial and Compliance Audits

L-Awditur Ġenerali jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' *Audit Manager* mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Dawk li japplikaw iridu jkunu gradwati mill-Università jew ikollhom kwalifika professjonali fl-*Accountancy*. L-applikanti jridu juru li huma prattikanti f'dik li hi verifika permezz ta' ċertifikat maħruġ apposta. Irid ikollhom esperjenza ta' ħames snin ta' superviżjoni waqt verifika jew ta' rwoli maniġerjali. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw kemm verbalment u bil-miktub bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża

NATIONAL AUDIT OFFICE

Post of Audit Manager
Financial and Compliance Audits

The Auditor General invites applications for the post of Audit Manager with the National Audit Office.

Candidates applying for this position should be in possession of a University Degree or professional qualification in Accountancy and be in possession of the Practicing Certificate in Auditing. Five years proven experience in an audit supervisory or management role is thus required. The applicant must have the ability to communicate verbally and in writing in the Maltese and English languages.

Is-salarju għal dan il-grad huwa ta' €24,011 b'żidiet ta' €559 fis-sena għal €25,688. Jista' jingħata wkoll *performance bonus* fl-aħħar tas-sena.

Il-persuna li tokkupa l-kariga ta' *Audit Manager* tirrapporta lill-Assistent Awditur Ġenerali responsabbli mis-Sezzjoni ta' Verifika Finanzjarja u tal-Osservanza. Il-persuna tkun responsabbli mill-kumpilazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm tal-Verifika tat-tim tagħha, tipprepara ittri bil-kummenti tal-awdituri u *write-ups* sussegwenti għar-Rapport Annwali ta' Verifika, tkun responsabbli mit-tmexxija tal-i*staff* u t-*team* tagħha, kif ukoll tassigura ruħha mill-kwalità ta' verifika tax-xogħlijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħha. Hu mistenni li l-*Audit Manager* iwettaq/twettaq taħriġ *in-house* u fuq il-post tax-xogħol. Il-persuna li tokkupa l-kariga ta' *Audit Manager* għandha tesprimi l-opinjoni tagħha u tagħmel rakkomandazzjonijiet fuq it-*truth and fairness* tar-Rapporti Finanzjarji. L-opinjonijiet u rakkomandazzjonijiet tal-*Audit Manager* huma meħtieġa wkoll fejn tidħol suffiċjenza tal-kontrolli interni. Dawn jinkludu kontrolli amministrattivi u finanzjarji, sistemi governattivi, kif ukoll attivitajiet u strutturi fil-qasam tas-settur pubbliku. Minn żmien għall-ieħor il-persuna li tokkupa l-kariga ta' *Audit Manager* tkun imsejħa tattendi u tipparteċipa waqt laqgħat tal-Kumitat Magħżul tal-Kamra tar-Rappreżentanti – Il-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi.

L-impjieg li huwa bi prova għal tnax-il xahar, huwa fuq bażi *full-time* għal żmien definit ta' tliet snin li jista' jiġi mġedded suġġett għal servizz sodisfaċenti. Il-ħatra hija suġġetta għal regolamenti li minn żmien għall-ieħor jirregolaw impieg mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika.

Il-kwalifiki u l-esperjenza li persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbagħtu mal-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

Hija r-responsabbiltà tal-applikanti, li jkollhom kwalifiki maħruġa minn universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra Maltin jew barranin, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ. Kopja ta' din id-dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw xorta waħda iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom. Din il-kopja tad-dikjarazzjoni trid tasal sa mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar, għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika u jindikaw b'mod

The post carries an annual salary of €24,011 rising by annual increments of €559 to €25,688. A performance bonus may be awarded at the end of the year.

In this position, the Audit Manager reports to the Assistant Auditor General responsible for the Financial and Compliance Audit Section. The Audit Manager is responsible for the compilation and implementation of the Annual Audit Plan of his/her team, preparation of Management Letters and subsequent write-ups for the Annual Audit Report, management of staff and team, as well as ensuring audit quality of tasks falling under his/her responsibility. The Audit Manager is expected to deliver in-house and on the job training. He/She would be required to express opinions on the truth and fairness of financial reporting statements. Opinions and recommendations for improvement would also be required on the adequacy of internal controls, including administrative and financial controls and systems of Government and other public sector structures and activities. Attendance and active participation at meetings of the Select Committee of the House of Representatives – Public Accounts Committee - would be expected, whenever requested.

The employment, which is subject to a probationary period of twelve months, is on a full-time basis and is for a definite three year period which may be renewed subject to satisfactory performance. The appointment is subject to the rules and regulations governing from time to time employment with the National Audit Office.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals to be produced for verification at the interview).

It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education or other institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, a copy of which should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the National Audit Office as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the National Audit Office, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the

ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Awditur Ġenerali.

L-applikanti eliġibbli jiġu intervistati minn Bord tal-Għażla.

Isir eżami mediku biex jiġi żgurat li l-persuna magħżula tinsab f'saħħitha.

Il-kandidati għandhom jibagħtu lill-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, il-Furjana VLT 2000 ittra ta' applikazzjoni u kopja tal-*curriculum vitae*. Irid jintbagħat ukoll ċertifikat tal-kondotta maħruġ riċentiment mill-Pulizija.

Applikazzjonijiet għandhom jaslu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika sa nhar il-Ġimgħa, il-11 ta' Settembru 2009. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Aktar informazzjoni tista' tinkiseb mingħand il-*Manager, Finance and Administration,* Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika, Notre Dame Ravelin, il-Furjana VLT 2000.

E-Mail: vacancies.nao@gov.mt
Sit eletroniku: www.nao.gov.mt

It-28 ta' Awwissu, 2009

consideration of the Auditor General

Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board.

The selected applicant will undergo a medical examination to ascertain that he/she is medically fit.

Candidates should submit to the Manager, Finance & Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000 a letter of application and a copy of their curriculum vitae. A Police Conduct Certificate recently issued is also to be submitted.

Applications are to reach the National Audit Office by Friday, 11th September 2009. Late applications will not be considered.

Further information may be obtained from the Manager, Finance and Administration, National Audit Office, Notre Dame Ravelin, Floriana VLT 2000.

E-Mail: vacancies.nao@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt

28th August, 2009

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jeħtieġ *Lecturing Staff* fl-oqsma li ġejjin:

L-Ewwel Snin (Permess tal-ETC Nru. 158/2009)
Min japplika għandu jkollu *B.Ed. (Hons.) degree* bi speċjalizzazzjoni fl-*Early Years*.

Programm ta' Gwida għal Għixien Indipendenti (Permess tal-ETC Nru. 161/2009)
Min japplika għandu jkollu
jew *B.Ed. (Hons.) degree*
jew l-ewwel *degree* u l-PGCE jew kwalifika ekwivalenti ta' taħriġ lill-għalliema.
jew l-ewwel *degree* jew *degree* relatata ta' *master's*.

Il-kandidati prospettivi għandhom ikunu jafu jitkellmu sew bil-Malti. Ikun ta' vantaġġ għal min japplika li jkollu esperjenza ta' xogħol ma' persuni ta' età żgħira bi bżonnijiet speċjali.

Il-kandidati prospettivi huma mistiedna biex jimlew u jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kulleġġ, flimkien

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit Lecturing Staff in the following areas:

Early Years (ETC Permit No. 158/2009)
Applicants should be in possession of B.Ed. (Hons.) degree with a specialisation in Early Years.

Pathway to Independent Living Programme (ETC Permit No. 161/2009)
Applicants should be in possession of
Either B.Ed. (Hons.) degree
or a first degree and PGCE or an equivalent teacher training qualification.
or a first degree and a related master's degree.

Prospective candidates must be fluent in Maltese. Work experience with young people with special needs will be considered an asset.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment

mal-*employment history sheet* li tinkiseb mill-ETC, sa nhar l-Erbgħa, id-9 ta' Settembru, 2009, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani fil-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv fl-MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032, Numru tat-Telefon 2398 7100, Numru tal-*Fax* 2398 7316, www.mcast.edu.mt

Ma jiġux ikkunsidrati applikazzjonijiet li jaslu tard u li mhux mimlija kif suppost.

It-28 ta' Awwissu, 2009

history sheet obtainable from the ETC, by not later than Wednesday 9th September 2009 at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office at MCAST Administration Building, are to be addressed to the Administrative Director at the MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032, Telephone No. 2398 7100, Fax No. 2398 7316, www.mcast.edu.mt

Late and incomplete applications will not be considered.

28th August, 2009

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI
(SAĦĦA)

Riżultat tal-Intervista għall-Postijiet ta' *Higher Specialist Trainee* fid-Dipartiment tal-Anaesthesia fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa)

Id-Direttur Ġenerali *(Resources* u *Support)* jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat tal-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali fil-Ministeru għall-Politika Soċjali (Saħħa), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Awwissu, 2009

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY
(HEALTH)

Result of Interview for the Posts of Higher Specialist Trainee in the Department of Anaesthesia in the Ministry for Social Policy (Health Division)

The Director General (Resources and Support) notifies that the result of the interview for the above-mentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Ministry for Social Policy (Health), 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th August, 2009

DIPARTIMENT TAL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Riżultat ta' Intervisti għal Diversi Pożizzjonijiet fid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili

Id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili jgħarraf li ġie ppubblikat ir-riżultat tal-intervisti għall-pożizzjonijiet imsemmija hawn taħt u wieħed jista' jarahom fuq in-*notice-board* fit-Taqsima tal-Persunal, Dipartment tal-Avjazzjoni Ċivili, Ħal Luqa, jew l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-pożizzjonijiet huma dawn li ġejjin:
Airworthiness Surveyor
Head Air Navigation Services Unit
Head Aerodrome Licensing and Aircraft Registration Unit
Head Personnel Licensing Unit
Speċjalista fit-*Technical Units*

It-28 ta' Awwissu, 2009

CIVIL AVIATION DEPARTMENT

Result of Interviews for Various Positions in the Departmentof Civil Aviation

The Civil Aviation Department notifies that the result of the interviews for the undermentioned positions have been published and may be viewed on the notice-board at the Personnel Section, Department of Civil Aviation, Luqa, or at the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The positions are the following:
Airworthiness Surveyor
Head Air Navigation Services Unit
Head Aerodrome Licensing and Aircraft Registration Unit
Head Personnel Licensing Unit
Specialist in the Technical Units

28th August, 2009

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat ta' Intervista

Id-Direttur (Human Resources Systems and Data Management) jgħarraf illi r-riżultat għall-intervisti għall-pożizzjoni ta' Payroll Officer ġie ppubblikat u jinsab fin-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Valletta (dħul minn Triq San Pawl), u fin-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Awwissu, 2009

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of Interview

The Director (Human Resources Systems and Data Management) notifies that the result of the interviews for the position of Payroll Officer has been published and may be viewed on the notice-board of the Office of the Prime Minister, Auberge de Castille, Valletta (entrance from Triq San Pawl), and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th August, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Riżultat tal-Intervisti għall-Pożizzjoni ta' *Senior Manager (Controls)* fil-*Paying Agency* fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-pożizzjoni msemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali tad-Direttorat tal-*People Management and Support Services* fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Block 'A', il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Awwissu, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Position of Senior Manager (Controls) in the Paying Agency within the Ministry for Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry of Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned position has been published and may be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry for Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th August, 2009

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U AFFARIJIET RURALI

Riżultat tal-Intervisti għall-Postijiet ta' *Senior Fisheries Protection Officer* fil-*Fish and Farming Regulation and Control Division* fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali jgħarraf illi r-riżultat tal-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fin-*notice-board* prinċipali tad-Direttorat tal-*People Management and Support Services* fil-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, Block 'A', il-Furjana, u fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-28 ta' Awwissu, 2009

MINISTRY FOR RESOURCES AND RURAL AFFAIRS

Result of Interviews for the Posts of Senior Fisheries Protection Officer in the Fish and Farming Regulation and Control Division within the Ministry of Resources and Rural Affairs

The Permanent Secretary, Ministry of Resources and Rural Affairs, notifies that the result of the interviews for the above-mentioned posts has been published and may be viewed on the main notice-board at the People Management and Support Services Directorate, Ministry of Resources and Rural Affairs, Block 'A', Floriana, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

28th August, 2009

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li neħħa oġġetti ta' ingombru mill-postijiet imsemmija hawn taħt.

Dawn l-oġġetti jinsabu maħżuna għand il-Pulizija f'Ta' Kandja.

Il-Kummissarju jgħarraf li se jordna l-bejgħ ta' dawn l-oġġetti jekk dawn ma jittieħdux lura mis-sidien leġittimi tagħhom fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

Għaldaqstant is-sid li jrid jieħu lura dan l-oġġett għandu jġib prova suffiċjenti tat-titolu tiegħu għal dak l-oġġett jew iġib dik il-garanzija li l-Kummissarju tal-Pulizija jqis suffiċjenti li tkun indennizz għalih kontra kull talba li jkollha x'taqsam mar-ritorn ta' dak l-oġġett lis-sid leġittimu tiegħu.

Qabel jittieħed lura xi oġġett mis-sid iridu jitħallsu lill-Kummissarju tal-Pulizija dawk id-drittijiet għat-tneħħija u l-ħażna ta' dak l-oġġett jew dawk l-oġġetti mill-Pulizija.

POLICE NOTICE

The Commissioner of Police notifies that the encumberance objects shown hereunder were removed from the under mentioned places.

The object is stored at the Police Compound Ta' Kandja.

In addition, the Commissioner of Police notifies that if this object is not retrieved by its lawful owners within one month from the publication of this notice, such objects shall be sold.

In order to retrieve any such object, the owner must produce sufficient proof of his entitlement thereto or such guarantee which the Commissioner may deem sufficient indemnifying him against any claim in connection with the return of such object if retrieved by the owner.

Before any object is retrieved by the owner, he must pay the fees for the removal and storing of the objects to the Commissioner of Police.

Data ta' Dħul *Entry Date*	Nru. tar-Reġ *Reg No.*	Għamla *Make*	Kulur *Colour*	Post *Location*	Skop *Purpose*
06/03/2009	FBE301	Subaru	Red	Qormi	Derelict
20/03/2009	N/A	Morris Marina	Blue	Marsa	Derelict
28/01/2009	IAZ321	Ford Truck	Yellow	Qormi	Derelict
02/02/2009	N/A	Fiat Strada	Maroon	Sliema	Derelict
04/02/2009	IAU634	VW Golf	Blue	Marsa	Derelict
15/02/2009	EAD014	Maruti	Red	Marsa	Derelict
01/03/2009	IAE895	Hyundai Accent	White	Marsaxlokk	Derelict
07/12/2008	DAV289	Peugeot	Light Grey	Qormi	Derelict
05/03/2009	AAD465	Hyundai Accent	Light Pink	San Ġwann	Derelict
04/03/2009	N/A	Fiat Uno	Brown	Ta' Ġiorni	Derelict
02/10/2009	CAM225	VW Van	White	Valletta	Derelict
19/03/2009	N/A	Lada	Blue	Floriana	Derelict
20/03/2009	STI555	Subaru	Beige	Kalkara	Derelict
20/03/2009	N/A	Peugeot 306	White	Valletta	Derelict
20/03/2009	N/A	Metro	Blue	Kalkara	Derelict
03/03/2009	IBC346	Yugo	Blue	Birkirkara	Derelict
05/10/2008	EAM404	Ford Transit	Light Blue	Marsa	Derelict
14/03/2006	KOP080	Mitsubishi	Silver	MT Garage	Derelict
25/05/2008	N/A	Ford Transit	Blue/White	Żebbuġ	Derelict

Data ta' Dħul *Entry Date*	Nru. tar-Reġ *Reg No.*	Għamla *Make*	Kulur *Colour*	Post *Location*	Skop *Purpose*
19/11/2008	BAE101	Ford Transit	White	Pietà	Derelict
23/11/2008	AAC908	Seat Ibiza	Red	N/A	Derelict
04/12/2008	EAO619	Fiat Uno	Blue	St. Julians	Derelict
02/03/2009	KAR 484	Hyundai Pony	Silver	Poala P/Station	Derelict
06/01/2009	N/A	Truck Leyland	Red/Grey	Marsa	Derelict
09/01/2009	CAP534	Seat	Maroon	Valletta	Derelict
14/01/2009	KAT395	Skoda	Blue	Ta' Xbiex	Derelict
15/01/2009	JEM216	Kia	Grey	St Julians	Derelict
18/01/2009	AAJ195	Lada Samara	Blue	Luqa	Derelict
03/12/2008	N/A	Tow Truck	Yellow	Żebbuġ	Derelict
20/03/2009	IAS563	Hyundai Pony	White	Dingli	Derelict
29/04/2009	N/A	Nissan	Maroon	St. Julians	Derelict
01/05/2009	CAT373	Honda	Blue	Gżira	Derelict
19/04/2009	JAL563	Ford	Beige	St Paul's Bay	Derelict
18/05/2009	DAF189	Daihatsu	White	Fgura	Derelict
31/05/2009	N/A	Lada	White	Għaxaq	Derelict
14/04/2009	BBE039	Volvo 850	Grey	Sta Venera	Derelict
25/05/2009	N/A	Ford Transit	White/Blue	Marsa	Derelict
08/04/098	N/A	VW Van	Orange/White	Swatar	Derelict
25/04/2009	N/A	Mazda 323	Grey	Żabbar	Derelict
08/04/2009	N/A	Honda	Maroon	Sliema	Derelict
31/03/2009	N/A	Fiesta	Blue	Qormi	Derelict
26/03/2009	LAC169	Toyota	Blue	Valletta	Derelict
08/04/2009	N/A	Nissan	Blue	Sliema	Derelict
05/04/2009	ABE226	Toyota	Blue	Ħamrun	Derelict
03/08/2009	ROX501	Fiat	Black	Marsa	Derelict
03/08/2009	GBB782	Peugeot	Blue	Marsa	Derelict
03/08/2009	DAM549	Fiat	Red	Marsa	Derelict
03/08/2009	JAP074	VW	Red	Marsa	Derelict
03/08/2009	DBA671	Renault	White	Marsa	Derelict

COMPARATIVE RETURN OF REVENUE
for the period 1st January 2009 to 31st July 2009

		Budget 2009 €	Actual Revenue Jan - Jul 2009 €	Actual Revenue Jan - Dec 2008 €	Actual Revenue Jan - Jul 2008 €
REVENUE					
I	Customs and Excise Duties	201,400,000	58,218,580	177,774,900	98,561,716
II	Licences, Taxes and Fines	233,363,000	141,392,600	219,145,667	126,852,089
III	Income Tax	798,000,000	322,161,266	735,898,673	301,161,701
IV	Value Added Tax	477,000,000	241,034,095	455,349,416	254,577,932
V	Fees of Office	59,019,000	24,180,246	48,326,688	27,279,053
VI	Reimbursements	30,121,000	11,813,929	27,276,464	13,570,160
VII	Public Corporations	815,000	---	5,201,427	4,386,000
VIII	Central Bank of Malta	31,700,000	41,614,952	28,690,853	28,690,853
IX	Rents	22,900,000	12,812,148	20,347,887	13,302,697
X	Dividends on Investment	15,500,000	8,004,095	19,707,721	16,006,027
XI	Repayment of, and Interest on, Loans made by Government	82,000	12,955	60,770	14,307
XII	Social Security	528,500,000	264,382,549	510,142,665	253,443,100
XIII	Grants	125,396,000	13,529,080	30,223,430	13,336,464
XIV	Miscellaneous Receipts	27,522,000	6,034,085	23,998,651	9,986,827
	Total Ordinary Revenue	**2,551,318,000**	**1,145,190,580**	**2,302,145,214**	**1,161,168,926**
XV	Extraordinary Receipts	---	---	33,317,508	---
XVI	Loans	500,000,000	265,999,603	285,734,676	105,983,266
	Total Non-Ordinary Revenue	**500,000,000**	**265,999,603**	**319,052,184**	**105,983,266**
TOTAL REVENUE		**3,051,318,000**	**1,411,190,183**	**2,621,197,399**	**1,267,152,192**

Note: Figures in Statement may not add up due to rounding

The Treasury

Authority: Treas 74 / 2009

N. Camilleri B.A. (Hons.), M.B.A. (Bath)

Date: 05 - 08 - 2009

Accountant General

COMPARATIVE RETURN OF EXPENDITURE
for the period 1st January 2009 to 31st July 2009

		Budget 2009 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2009 €	Actual Expenditure Jan - Dec 2008 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2008 €
RECURRENT EXPENDITURE					
1	Office of the President	1,785,000	1,114,973	1,607,874	830,380
2	House of Representatives	3,191,000	1,801,366	2,821,131	1,534,845
3	Office of the Ombudsman	473,000	328,000	457,000	208,002
4	National Audit Office	1,864,000	1,395,005	1,500,003	864,002
5	Office of the Prime Minister	19,895,000	12,061,771	16,978,085	9,961,916
6	Public Service Commission	393,000	192,035	377,335	220,901
7	Armed Forces of Malta	35,157,000	23,236,401	37,196,638	20,291,759
8	Tourism [Ministry for Tourism and Culture]	3,558,000	1,917,957	12,031,034	7,318,408
9	Local Government	30,960,000	14,231,835	26,774,360	12,663,975
10	Information	1,179,000	689,308	1,097,493	606,947
11	Government Printing Press	1,307,000	600,311	1,258,532	706,327
12	Electoral Office	4,190,000	3,333,245	5,640,126	3,671,377
13	Ministry of Foreign Affairs	23,453,000	11,836,305	23,674,237	12,529,257
14	Ministry for Gozo	53,434,000	30,980,223	52,991,001	29,700,029
15	Ministry for Infrastructure, Transport and Communications	65,203,000	58,011,764	---	---
16	Civil Aviation	2,123,000	1,235,155	1,988,068	1,271,593
17	Land and Public Registry Division	2,591,000	1,598,713	2,786,738	1,574,417
18	Ministry for Resources and [Infrastructure] Rural Affairs	94,738,000	55,460,860	39,875,380	22,640,278
19	Ministry of Education, [Youth and Employment] Culture, Youth and Sport	127,150,000	87,969,416	114,206,530	70,153,336
20	Education	131,271,000	75,142,207	129,097,643	72,721,236
21	Libraries [and Archives]	1,335,000	744,527	1,251,906	692,565
22	Ministry for [the Family and Social Solidarity] Social Policy	35,318,000	20,001,509	32,230,292	19,140,337
23	Social Security	182,153,000	82,396,379	175,783,451	80,152,811
24	Social Security Benefits	663,300,000	408,975,342	624,831,088	384,419,635
25	Social Welfare Standards	937,000	476,743	884,892	521,027
26	Health [Ministry of Health, the Elderly and Community Care	267,470,000	163,342,781	234,580,480	141,941,764
27	Elderly and Community Care	48,281,000	31,670,551	44,575,110	26,466,547
28	Industrial and Employment Relations	1,198,000	709,381	1,125,108	610,690
29	Ministry of Finance, the Economy and Investment	84,541,000	48,806,666	83,484,654	45,589,777
30	Treasury	14,836,000	2,536,458	3,342,469	2,541,324
31	Pensions	85,958,000	51,141,058	80,230,162	49,474,569
33	Inland Revenue	6,235,000	3,071,295	5,804,408	3,111,133
34	Customs	11,868,000	6,365,481	11,455,541	6,248,055
35	V.A.T.	6,463,000	3,518,300	6,448,383	3,562,383
36	Contracts	1,093,000	654,381	1,051,407	596,749

COMPARATIVE RETURN OF EXPENDITURE
for the period 1st January 2009 to 31st July 2009

		Budget 2009 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2009 €	Actual Expenditure Jan - Dec 2008 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2008 €
RECURRENT EXPENDITURE (Cont'd)					
37	Economic Policy	1,182,000	604,414	1,035,222	581,395
38	Government Property Division	4,014,000	1,842,471	3,415,096	2,030,658
39	Commerce	4,753,000	1,264,470	5,820,651	2,056,210
40	Consumer and Competition	1,994,000	1,107,325	1,663,916	2,136,647
41	Ministry for Justice and Home Affairs	13,786,000	8,563,916	9,720,220	5,660,776
42	Judicial	9,588,000	5,500,352	9,474,489	5,182,416
43	Police	43,756,000	24,653,365	43,322,640	24,277,510
44	Correctional Services	8,197,000	5,128,500	7,998,970	4,689,626
45	Civil Protection	3,758,000	2,306,832	3,553,818	2,057,950
	[Ministry for Competitiveness and Communications	---	---	8,082,798	5,215,977
	[Ministry for Investment, Industry and Information Technology	---	---	175,289,666	66,648,157
	[Ministry for Rural Affairs and the Environment	---	---	58,535,499	38,763,013
	[Ministry for Urban Development and Roads	---	---	14,112,253	8,796,605
	[Housing	---	---	2,629,466	1,605,542
TOTAL RECURRENT EXPENDITURE		**2,105,929,000**	**1,258,519,345**	**2,124,093,261**	**1,204,240,826**
32	Public Debt Servicing				
	Contribution to Sinking Fund - Local	7,023,060	3,511,531	7,023,060	3,511,531
	Interest - Local	176,097,736	102,818,467	164,138,585	94,923,685
	Repayment of Loan - Local	208,162,000	192,929,123	93,175,796	23,293,862
	Contribution to Sinking Fund - Foreign	10,138,940	4,972,450	11,175,509	6,011,117
	Interest - Foreign	5,206,264	3,719,218	5,290,683	3,781,884
	Interest - Short-term borrowing	15,000,000	9,772,069	19,608,602	9,316,622
TOTAL PUBLIC DEBT SERVICING		**421,628,000**	**317,722,858**	**300,412,235**	**140,838,701**
TOTAL RECURRENT EXPENDITURE AND PUBLIC DEBT SERVICING		**2,527,557,000**	**1,576,242,203**	**2,424,505,496**	**1,345,079,527**

Note: Figures in Statement may not add up due to rounding

The Treasury
Authority: Treas 74 / 2009

N. Camilleri B.A. (Hons.), M.B.A. (Bath)
Accountant General

Date: 05 - 08 - 2009

COMPARATIVE RETURN OF EXPENDITURE
for the period 1st January 2009 to 31st July 2009

		Budget 2009 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2009 €	Actual Expenditure Jan - Dec 2008 €	Actual Expenditure Jan - Jul 2008 €
CAPITAL PROGRAMME					
I	Office of the Prime Minister	40,680,000	23,718,865	3,799,521	1,001,277
II	Ministry of Foreign Affairs	750,000	348,271	803,577	384,932
III	Ministry for Gozo	7,483,000	2,592,574	4,556,532	2,607,397
IV	Ministry for Infrastructure, Transport and Communications	94,177,000	38,677,816	---	---
V	Ministry for Resources and [Infrastructure] Rural Affairs	46,642,000	18,572,854	3,826,159	2,064,304
VI	Ministry of Education, [Youth and Employment] Culture, Youth and Sport	46,017,000	8,396,652	13,679,831	5,522,534
VII	Ministry for [the Family and Social Solidarity] Social Policy	38,489,000	10,693,776	4,965,011	2,173,520
VIII	Ministry of Finance, the Economy and Investment	60,532,000	26,902,323	18,736,625	13,061,664
IX	Ministry for Justice and Home Affairs	13,161,000	9,066,373	10,266,881	5,877,631
	[Ministry for Tourism and Culture	---	---	30,514,211	18,062,280
	[Ministry for Competitiveness and Communications	---	---	1,288,278	959,169
	[Ministry of Health, the Elderly and Community Care	---	---	22,384,589	11,615,622
	[Ministry for Investment, Industry and Information Technology	---	---	51,372,480	34,165,163
	[Ministry for Rural Affairs and the Environment	---	---	38,230,621	24,013,815
	[Ministry for Urban Development and Roads	---	---	17,725,418	10,939,311
TOTAL CAPITAL EXPENDITURE		**347,931,000**	**138,969,504**	**222,149,732**	**132,448,617**
VIII	Ministry of Finance, the Economy and Investment				
	Investment - Equity Acquisition	100,000	541,563	6,500,000	6,500,000
TOTAL CAPITAL EXPENDITURE AND INVESTMENT		**348,031,000**	**139,511,067**	**228,649,732**	**138,948,617**
TOTAL EXPENDITURE		**2,875,588,000**	**1,715,753,270**	**2,653,155,227**	**1,484,028,144**

Note: Figures in Statement may not add up due to rounding

The Treasury

Authority: Treas 74 / 2009

N. Camilleri B.A. (Hons.), M.B.A. (Bath)

Date: 05 - 08 - 2009

Accountant General

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, l-1 ta' Settembru, 2009, għal:

CT 253/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2249/2009. Provvista ta' *blood cartridges* għal użu mal-*Innova kidney machines* – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Lulju 2009.

CT 254/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2632/2008. Provvista, installazzjoni u kummissjonar ta' diversi apparat tal-laboratorju u *hardware* għal-Laboratorju tal-Inġinerija Bijomedika – l-Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €60.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* Stmat: €295,200.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-7 ta' Lulju 2009.

